IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2018
C(2018) 8111 final

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' 5.12.2018**

**dwar ir-rwol internazzjonali tal-euro fil-qasam tal-enerġija**

{SWD(2018) 483 final}

MT MT

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 5.12.2018**

**dwar ir-rwol internazzjonali tal-euro fil-qasam tal-enerġija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-euro hija munita stabbli, affidabbli u rikonoxxuta globalment, aċċettata b'mod wiesa' għall-pagamenti internazzjonali. Madwar 36 % tal-valur tat-tranżazzjonijiet internazzjonali ġew fatturati jew saldati fl-euro fl-2017. L-euro jirrappreżenta aktar minn 20 % tar-riżervi internazzjonali tal-banek ċentrali barranin. Dan huwa aktar mis-sehem taż-żona euro tal-prodott domestiku gross (PDG) tad-dinja kollha.

(2) Il-prodotti tal-enerġija, b'mod partikolari ż-żejt mhux maħdum, huma l-aktar materji primi kkummerċjalizzati fl-UE u madwar id-dinja. Il-volumi tal-kummerċ annwali fis-swieq Ewropej tal-enerġija jaqbżu EUR 40 triljun. Aktar minn 90 % tat-tranżazzjonijiet aggregati marbuta maż-żejt, mal-gass u ma' prodotti tal-enerġija oħra jsiru f'muniti oħra minbarra l-euro.

(3) L-UE hija l-akbar importatur tal-enerġija fid-dinja, billi timporta aktar minn nofs l-enerġija li tikkonsma. L-Ewropa qed timporta madwar 90 % taż-żejt li teħtieġ u madwar 70 % tal-ħtiġijiet tal-gass tagħha.

(4) F'dawn l-aħħar ħames (5) snin, il-kont tal-enerġija esterna tal-UE kien jammonta għal madwar EUR 300 biljun fis-sena bħala medja. Il-maġġoranza l-kbira tal-kuntratti fit-tul li jsejsu l-importazzjonijiet tal-enerġija tal-UE (madwar 80-90 %) ma jiġux referenzjati fl-euro, filwaqt li l-akbar sehem ta' importazzjonijiet ta' enerġija tal-UE joriġinaw mir-Russja (madwar 34 %), mill-Lvant Nofsani u l-Afrika (madwar 33 % flimkien), u min-Norveġja (madwar 20 %, maqsuma bejn wieħed u ieħor min-nofs għaż-żejt u l-gass; il-gass jitwassal taħt kuntratti ddenominati fl-euro).

(5) Ir-relazzjonijiet fil-qasam tal-enerġija bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi huma spiss imsejsa minn ftehimiet intergovernattivi, li bosta minnhom jirrigwardaw ix-xiri taż-żejt u l-gass. Ftehimiet bħal dawn jipprovdu l-qafas, l-appoġġ politiku u ċ-ċertezza tad-dritt għall-kumpaniji Ewropej li jinnegozjaw kuntratti kummerċjali ma' fornituri tal-enerġija f'pajjiżi terzi.

(6) Skont id-Direttiva dwar il-Ħażniet taż-Żejt (2009/119/KE), l-Istati Membri jżommu ħażniet ta' emerġenza ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u/jew prodotti tal-petroleum. Sabiex jissodisfaw l-obbligu tal-ħżin, huma jiddependu fuq Entitajiet Ċentrali ta' Ħżin u operaturi ekonomiċi obbligati li jakkwistaw, iżommu, jamministraw u jbigħu l-ħażniet ta' żejt ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi.

(7) Il-prezzijiet referenzjari għaż-żejt mhux maħdum li huma kkwotati minn aġenziji ta' rappurtar tal-prezzijiet jintużaw bħala referenza għall-provvisti taż-żejt. Huma jservu wkoll bħala referenza sottostanti għal prodotti ta' enerġija oħrajn, bħalma huwa l-gass naturali u l-istrumenti finanzjarji derivati għal prodotti taż-żejt mhux maħdum jew

prodotti tal-petroleum. Bħalissa, ma hemm l-ebda prezzijiet referenzjarji għaż-żejt mhux maħdum denominati fl-euro.

(8) Għadd ta' ċentri tal-kummerċ tal-gass ġew żviluppati fl-Ewropa, fejn il-prodotti tal-gass denominati fl-euro jiġu kkummerċjalizzati. Filwaqt li qed jikber is-sehem tal-kuntratti li l-prezzijiet tagħhom huma bbażati fuq ċentri tal-gass, għadd ta' kuntratti ta' forniment jiddependu kompletament jew parzjalment fuq kuntratti b'indiċjar taż-żejt li mhumiex denominati fl-euro. Għas-swieq tal-gass maturi, il-volumi kkummerċjalizzati fiċ-ċentri huma ikbar mill-volumi li huma fil-fatt ikkunsmati.

(9) Il-kumpaniji li jipprovdu servizzi finanzjarji għandhom rwol importanti fl-għoti tal-aċċess għall-kapital, l-assigurazzjoni u l-għodod ta' ġestjoni tar-riskju lill-promoturi tal-proġett fil-katina tal-valur kollha tal-provvista tal-enerġija.

(10) It-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro fil-qasam tal-kummerċ tal-enerġija u l-investiment fiha, filwaqt li tiġi żgurata l-effiċjenza ekonomika ġenerali, se jgħin sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-UE u jitnaqqas ir-riskju ta' interruzzjoni tal-provvisti tal-enerġija. In-negozji Ewropej se jgawdu minn awtonomija aktar b'saħħitha, li se tippermettilhom iħallsu jew jirċievu pagamenti għall-kummerċ internazzjonali tagħhom, u jiffinanzjaw lilhom infushom b'inqas esponiment għal azzjonijiet legali meħuda minn ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

(11) Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tipprovdi gwida mhux eżawrjenti għall-kisba ta' użu aktar wiesa' tal-euro fis-settur tal-enerġija fid-dawl tar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti hawn fuq.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

**Użu aktar wiesa' tal-euro fi ftehimiet internazzjonali u strumenti mhux vinkolanti relatati mal-enerġija**

(1) L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-użu aktar wiesa' tal-euro fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija, inkluż f'kuntratti fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali bilaterali u multilaterali jew strumenti mhux vinkolanti bħal memoranda ta' qbil.

(2) Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jinkludu, fil-ftehimiet intergovernattivi tagħhom ma' pajjiżi terzi, klawżola mudell żviluppata mill-Kummissjoni, relatata mal-użu tal-euro bħala munita prestabbilita.

(3) Il-Kummissjoni se tiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri b'mod sistematiku lejn l-użu tal-euro bħala parti mill-opinjoni li toħroġ lill-Istati Membri fil-qafas tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (id-Deċiżjoni IGA). Meta jkun possibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu approċċ simili fir-rigward tal-istrumenti mhux vinkolanti relatati mal-enerġija.

**Użu aktar wiesa' tal-euro fit-tranżazzjonijiet relatati mal-enerġija tal-parteċipanti tas-suq Ewropew**

(4) L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-użu aktar wiesa' tal-euro mill-parteċipanti tas-suq Ewropew fit-tranżazzjonijiet fil-qasam tal-enerġija.

(5) Entitajiet Ċentrali ta' Ħżin imwaqqfa mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/119/KE u operaturi ekonomiċi obbligati jenħtieġ li jkabbru s-sehem

ta' kuntratti bbażati fuq l-euro relatati mal-akkwist, iż-żamma, l-amministrazzjoni u l-bejgħ tal-ħażniet ta' żejt ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi, inklużi dawk relatati mal-ħażniet miżmuma skont ftehimiet bilaterali, jew skont drittijiet kuntrattwali għax-xiri ta' ċerti volumi ta' ħażniet (biljetti).

(6) Il-parteċipanti fis-swieq tal-enerġija Ewropej jenħtieġ li jużaw aktar kuntratti relatati mal-enerġija denominati fl-euro.

(7) Il-parteċipanti fis-suq jenħtieġ li jiffaċilitaw u jippromwovu l-ħolqien ta' ċentri tal-gass likwidu fl-UE, bi prezzijiet għal prodotti sottostanti u derivati denominati fl-euro, sabiex jappoġġjaw l-użu aktar wiesa' ta' prezzijiet indiċjati miċ-ċentri u, bħala konsegwenza, id-denominazzjoni ta' tali kuntratti fl-euro.

(8) Aġenziji ta' rappurtar tal-prezzijiet jenħtieġ li jiffaċilitaw it-tnedija ta' prezzijiet referenzjarji għaż-żejt mhux maħdum denominati bil-euro.

(9) Is-swieq tal-materja prima jenħtieġ li jiffaċilitaw l-iżvilupp ulterjuri tal-kuntratti derivati denominati bil-euro fuq iż-żejt mhux maħdum u l-prodotti raffinati.

**L-użu aktar wiesa' tal-euro għal proġetti relatati mal-enerġija u tranżazzjonijiet minn kumpaniji li jipprovdu servizzi finanzjarji**

(10) L-Istati Membri u l-kumpaniji Ewropej li jipprovdu servizzi finanzjarji jenħtieġ li jinkoraġġixxu użu aktar wiesa' tal-euro għall-prodotti relatati mal-enerġija u t-tranżazzjonijiet finanzjarji.

**Monitoraġġ**

(11) L-Istati Membri jenħtieġ li jikkomunikaw mal-Kummissjoni, fuq bażi annwali, l-informazzjoni ddettaljata kollha dwar l-istat ta' implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni.

**Rieżami**

(12) Il-Kummissjoni se tirrevedi l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni tliet snin wara l-adozzjoni tagħha u tivvaluta jekk humiex meħtieġa miżuri ulterjuri, filwaqt li tqis l-informazzjoni mressqa mill-Istati Membri.

**Destinatarji**

(13) Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri, lill-Entitajiet Ċentrali ta' Ħżin stabbiliti mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2009/119/KE u l-operaturi ekonomiċi obbligati, il-parteċipanti fis-swieq tal-enerġija Ewropej, l-aġenziji ta' rappurtar tal-prezzijiet, is-swieq tal-materja prima, u l-kumpaniji Ewropej li jipprovdu servizzi finanzjarji.

Magħmul fi Brussell, 5.12.2018

*Għall-Kummissjoni*
*Valdis DOMBROVSKIS*
*Viċi President*